**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lil Tipiak għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni ta' amministrazzjoni tajba u ta' trattament ugwali;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2019 — BRF Singapore Foods vs EUIPO — Tipiak (SADIA)**

**(Kawża T-310/19)**

(2019/C 246/35)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* BRF Singapore Foods Pte Ltd (Singapore, Singapore) (rappreżentant: C. Mateu, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Tipiak (Saint-Aignan de Grand Lieu, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "SADIA" — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 084 273

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta’ Marzu 2019 fil-Każ R 1857/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lil TIPIAK għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tal-amministrazzjoni tajba u tal-ugwaljanza fit-trattament;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

— Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Mejju 2019 — Taghani vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-313/19)**

(2019/C 246/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Jamal Taghani (Brussell, il-Beġju) (rappreżentanti: A. Champetier u S. Rodrigues, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors odjern ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati;